TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Isabelle Laurent Micallef**

**Vs**

**Fair Deal Furniture (Malta) Ltd (C 49949)**

**CCT 9/26/MM**

**Illum, 28 ta' April 2026**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-13 ta' Jannar 2026 fejn talbet is-somma ta' għaxart elef sitt mija u tminxtax il-ewro (€10,618) liema somma hija llimitata għall-għaxart elef ewro (€10,000), sabiex tkun fil-parametri tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal, rappreżentanti l-prezz imħallas għal kċina u għamara w oġġetti oħra mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata li allegatament kellha diversi difetti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u korrispondenza bejn il-partijiet.

Ra li s-soċjeta' intimata debitament notifikata ma ppreżentat l-ebda risposta iżda attendiet għas-seduta tal-24 ta' Frar 2026.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata hija kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-*

*sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali".* (Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha.* (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti ssostni li s-soċjetà intimata naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha b'mod konformi ma' dak miftiehem, billi minkejja li ġiet ordnata u installata kċina skont speċifikazzjonijiet ċari u dettaljati – inkluż il-kulur partikolari, il-pożizzjoni tas-sink, u l-arranġament ġenerali tal-elementi – il-prodott finali ma kienx jirrifletti dan il-ftehiem.

B'mod partikolari, hija tilmenta li l-kulur tal-partijiet tal-kċina ma kienx dak miftiehem, li diversi cupboards ma kinux allinjati u s-soft close mechanisms ma kinux jaħdmu kif suppost, li l-extractor fan kien difettuż, li xi elementi ġew imħassra waqt l-installazzjoni, u li s-sink u l-worktop ma setgħux jitqiegħdu skont il-pjan oriġinali, b'riżultat li l-kċina ma kinitx funzjonali u lanqas estetika kif suppost.

Min-naħa l-oħra, is-soċjetà intimata tiċħad li naqset mill-obbligi tagħha u ssostni li l-kċina ġiet fornuta u installata skont il-pjan approvat mir-rikorrenti, filwaqt li tqis li kwalunkwe diffikultà li nqalgħet kienet dovuta għal tibdil jew deċiżjonijiet meħuda mir-rikorrenti stess jew għal limitazzjonijiet tekniċi li ħarġu waqt l-installazzjoni. Hija tafferma wkoll li kienet lesta tintervjeni biex tirrimedja ċerti punti u anke offriet rimedji parzjali, iżda tgħid li ma ngħatatx il-kooperazzjoni neċessarja mir-rikorrenti sabiex dawn jiġu implimentati, u għalhekk tikkontendi li ma tistax tinżamm responsabbli għall-allegati nuqqasijiet kollha kif qed jiġu ppreżentati.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut u jekk it-*top cupboard* u l-biċċa ta' fuq tal-*fridge* inqalawx wara l-għeluq tal-garanzijja jew matul il-garanzijja.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid

jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi dwar id-danni, kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore"*. ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"), *ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"), *ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw* (subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna* ... (subpara "d");

**Ikkunsidra**

Illi l-kawża tirrigwarda allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward ta' kċina fornuta u installata mis-soċjetà intimata favur ir-rikorrenti. Mill-provi prodotti jirriżulta illi bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ċar u dettaljat li jistabbilixxi mhux biss il-prezz iżda wkoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż il-kulur tal-kċina, il-pożizzjoni tas-sink u l-kompożizzjoni tal-elementi varji tagħha.

It-Tribunal jinnota li fir-rigward tal-kulur tal-kċina, ir-rikorrenti pprovat b'mod sodisfaċenti li dak installat ma kienx jikkorrispondi ma' dak miftiehem, fatt li lanqas ma ġie effettivament miċħud mis-soċjetà intimata. Dan jikkostitwixxi nuqqas ċar ta' konformità.
Illi bl-istess mod, fir-rigward tal-extractor fan, jirriżulta li dan ma kienx qed jaħdem kif suppost, u għalhekk ukoll hemm difett li jaffettwa l-funzjonalità tal-prodott.

Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar l-allinjament tal-cupboards u l-funzjonament tas-soft close mechanisms, it-Tribunal iqis li, għalkemm mhux kollha ġew ippruvati b'mod perfett, hemm biżżejjed elementi li jindikaw li x-xogħol ma sarx skont standards adegwati u skont is-sengħa u l-arti.

Illi madankollu, fir-rigward tal-pożizzjoni tas-sink u tal-worktop, it-Tribunal jinnota li hemm elementi ta' inċertezza u possibbli kontribuzzjoni mir-rikorrenti stess, partikolarment fid-dawl tal-pjani u l-mod kif dawn ġew interpretati u implimentati. Għaldaqstant, dawn il-punti ma jistgħux jiġu attribwiti esklussivament lis-soċjetà intimata.
Għalhekk, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li filwaqt li mhux il-kċina kollha hija difettuża jew mhux konformi, hemm numru ta' nuqqasijiet li, meħudin flimkien, jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità parzjali iżda sostanzjali.

Illi finalment jifdal il-likwidazzjoni tad-danni. Illi dan it-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub mir-rikorrent ma ġiex spjegat. Illi il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqset milli tissostanzja jew jispjega kif waslet għall-ammont mitlub minnha bi provi konkreti, speċjalment fid-dawl tal-fatt li t-talba tagħha hija fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) meta l-kċina bl-appliances kollha kienet tiswa għaxart elef sitt mija u tmintax il-ewro (€10,618).

Fir-rigward tal-quantum, it-Tribunal iqis li r-rimedju xieraq f'dan il-każ mhuwiex ir-rifużjoni sħiħa tal-prezz, iżda riduzzjoni proporzjonata tiegħu, fid-dawl tal-użu tal-kċina u tan-natura parzjali tad-difetti. Għaldaqstant, wara li jibbilanċja l-interessi tal-partijiet kollha, it-Tribunal jiddeċiedi li jagħti kumpens lir-rikorrenti fl-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800).

**Deċiżjoni**

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qieghed parzjalment jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont illikwidat ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) fi żmien ħmistax-il jum mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**